MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 117/2009/1

**Avviz Numru:117/2009/SM**

**Alexander u Maria Therese konjugi Borg Caruana**

**vs**

**Donald Borg**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fid-19 ta' Jannar 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti:-***

*Rat ir-rikors fuq indikat datat is-27 ta' Marzu 2009, li permezz tieghu r-rikorrenti sejhu lill-intimat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:*

*1. Illi jhallas is-somma globali ta' hamest elef, mija u tliet ewro, u hamsa u tletin centezmi, (€5,103.35), rapprezentanti, kwantu s-somma ta' erbat elef, seba' mija u erba' u tmenin ewro u disa' u tletin centezmi, (€4,784.39), fi hlas ta' kontijiet dwar konsum u kera ta' dawl u ilma fil-fond numru wiehed u hamsin, (51), Triq il-Kattidral, Sliema, ghall-perjodu bejn l-1 ta' Gunju 2002 u l-1 ta' Awwissu 2005, u kwantu ghas-somma ta' tliet mija u tmintax-il ewro u sitta u disghin centezmi, (€318.96), spejjez gudizzjarji, liema somom ta' flus gew imhallsa mill-esponenti ricentement lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, liema somom ta' flus kellhom jigu mhallsa mill-intimat skont kuntratt ta' lokazzjoni li jgib id-data tal-1 ta' Gunju 2002, rigwardanti l-fond numru wiehed u hamsin, (51), Triq il-Katidral, Sliema, li kien mikri lilu mir-rikorrenti, matul il-perjodu bejn l-1 ta' Gunju 2002 u l-1 ta' Awwissu 2005, (Dok ABC 1);*

*2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata nhar is-6 ta' Frar, 2009, bil-procedura tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Rat ir-risposta tal-intimat datata s-26 ta' Gunju 2009, li permezz taghha rrisponda bil-mod segwenti:*

*1. Illi, in linea preliminari, it-talba tar-rikorrenti hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. Illi, minghajr pregudizzju u subordinatament, l-intimat kien l-inkwilin tal-fond in kwistjoni u cioe' l-fond numru wiehed u hamsin (51), Triq il-Katidral, Sliema, ghal perjodu bejn l-ewwel (1) ta' Gunju 2002, sat-tletin (30) ta' Gunju 2004, u ghalhekk l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti ghall-kwalunkwe perjodu sussegwenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

*3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

*4. Bl-ispejjez;*

*Rat il-verbal datat it-30 ta' Gunju 2009, li permezz tieghu ordnat il-kapovolgiment tal-provi rigward l-ewwel risposta tal-intimat stante li hi ta' natura preliminari;*

*Rat il-verbal datat l-20 t'April 2010, li permezz tieghu il-procedura odjerna giet limitata ghall-vertenza preliminari kif sollevata fir-risposta numru 1 tal-intimat, u kif indikat fil-paragrafu precedenti;*

*Semghet il-provi prodotti;*

*Ezaminat id-dokumenti esebiti;*

*Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet limititament ghal din l-ewwel risposta koncernanti l-preskrizzjoni;*

*Ikkunsidrat:*

*1. Illi jirrizulta pacifiku li l-intimat kien jikri l-fond meritu tal-vertenza odjerna minghand ir-rikorrenti;*

*2. Illi jirrizulta li l-istess kirja bdiet fl-1 ta' Gunju 2002, u intemmet fl-1 ta' Gunju 2004, (ara fol 19), u dan, skont il-ftehim pattwit li kopja tieghu hija annessa a fol 2 u 3 tal-process;*

*3. Illi skont l-intimat, il-kontijiet tal-dawl u l-ilma relattivi ghall-fond in dizamina kienu jithallsu mill-istess intimat tul il-perjodu tal-kirja, u dan, nonostante l-fatt li l-kontijiet relattivi kienu johorgu fuq isem ir-rikorrenti, (ara fol 19); kif del resto hu anke assodat in atti mir-rapprezentanti tal-Korporazzjoni de quo, (ara fol 28);*

*4. Illi fis-sena 2004 jidher li l-intimat tilef l-interess fil-gestjoni tal-imsemmi fond u wara perjodu qasir ta' zmien sab sostitut;*

*5. Illi l-intimat isostni li peress li xi kontijiet tad-dawl u l-ilma kienu ghadhom pendenti, informa lis-sid rikorrenti li dawn:*

*"… kellhom ihallsuhom huma minflok ma jiena niehu rigal talli ncedi l-post …"; (ara fol 20);*

*6. Illi effettivament l-intimat laqqa' lill-partijiet u estrometta ruhu mill-vertenza;*

*7. Illi rigward il-kontijiet in dizamina, minn Gunju 2004, kien biss irceva ittra mill-qorti datata Frar 2009;*

*8. Illi sa fejn jaf l-intimat isostni li hu ma kellux aktar x'jaqsam mal-fond in dizamina sa minn Gunju 2004;*

*Ikkunsidrat:*

*Illi r-risposta preliminari sollevata tistrieh fuq l-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16;*

*Illi in sintesi dan is-sub-artikolu jiddekreta li l-azzjoni hemm indikata – senjatament dik ghall-hlas ta' kull kreditu naxxenti minn operazzjonijiet kummercjali jew hwejjeg ohra, jekk ma jaqax bi preskrizzjoni iqsar jew ma jirrizultax minn att pubbliku – taqa' bi preskrizzjoni ta' hames (5) snin;*

*Illi ghalhekk ghandu jirrizulta pacifiku, specjalment anke in vista tal-fatt li r-rikorrenti ma pproducew l-ebda xhieda fir-rigward, li l-perjodu kwinkwennali stabbilit mill-artikolu de quo gie abbundantement superat u li effettivament l-intimat iddikjara anke li m'ghandux jigi akkollat bil-vertenza stante li ma jafx li ghandu jaghti xi haga lir-rikorrenti;*

*Ghaldaqstant, in vista tal-premess, takkolji r-risposta preliminari tal-intimat Donald Borg u tiddikjara li l-azzjoni odjerna hi preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrenti Alexander (KI 351929M) u Maria Therese (KI 2020776 P) konjugi Borg Caruana datat 28 ta' Frar 2011 fejn talbu lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnhom mressqa tilqa' l-appell

taghhom u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghat-trattazzjoni ghas-smigh ghas-seduta tal-5 ta’ Ottubru 2011.

Rat ir-risposta ta’ Donald Borg [ID 70081M] datata 24 ta’ Marzu 2011 a fol 9 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-istess appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-5 ta’ Ottubru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Antoine Naudi ghall-appellat u Dr. Errol Cutajar ghall-appellanti. Dr. Naudi ddikjara li *ai termini* tal-**artikolu 2112 tal-Kapitolu 16** qed iqajjem l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni l-**artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16.** Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghad-29 ta’ Frar 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 19 ta’ Jannar 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern huwa s-sens (a) li l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni ta’ hames snin ma kellhiex tigi milqugha ghaliex id-dritt tal-azzjoni tal-appellant twieled f’Jannar 2009 meta sar il-hlas tal-kontijiet in kwistjoni mill-appellant lill W.S.C u ghalhekk il-preskrizzjoni bdiet tiddekorri minn dak in-nhar; (b) ma kienx minnu li kif inghad fis-sentenza appellata l-perjodu kwinkwinnali kien abbundament superat ghaliex la darba l-kontijiet kienu jwasslu sa’ Gunju 2004 u la darba l-ittra ufficjali saret fi Frar 2009, mela allura l-hames snin ma kienux ghaddew ghaliex kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni abbazi tal-**artikolu 2136 (1) u (2) tal-Kap. 16;** (c) illi l-Qorti ma kellhiex

tiddeciedi hija billi tapplika l-preskrizzjoni skond l-**artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16** u dan ghaliex il-konvenut ma kienx indika specifikatament dik il-preskrizzjoni izda biss l-**artikolu 2156** u allura l-Qorti marret kontra l-principju stabbilit fl-**artikolu 2111 tal-Kap. 16** fejn il-Qorti ma tistax *ex ufficio* taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk dik ma tigix eccepita mill-parti interessata u l-Qorti ma ghandhiex tara jekk hijiex applikabbli xi preskrizzjoni applikabbli hija **(“Manche nomine vs Said”** (P.A. (PS) – 28 ta’ Gunju 2003).

Illi dwar it-tielet aggravju dan huwa ben fondat ghaliex jirrizulta li kienet il-Qorti stess li ndikat l-**artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16** u dan ma kellux issir, u ghalhekk dan l-aggravju qed jigi milqugh. Izda jinghad li xorta wahda din il-Qorti sejra jkollha tidhol fl-applikazzjoni tal-istess artikolu hawn citat ghaliex tali eccezzjoni ta’ preskrizzjoni giet imqajjma f’dan l-istadju ta’ appell mill-appellat kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Ottubru 2011, u dan jista’ jsir ghaliex l-eccezzjoni ta’ preskrizzzjoni tista’ titqajjem f’kull stadju tal-kawza, nkluz fl-appell, salv kull providement dwar l-ispejjez jekk ikun il-kaz.

Illi dwar l-ewwel aggravju jinghad li din il-Qorti ma tistax tilqa’ l-istess u dan peress li l-obbligu li l-appellat ihallas ghall-kontijiet ta’ dawl u ilma johrog mid-data tal-iskrittura datata l-1 ta’ Gunju 2012 u dan skond klawsola 11 tal-istess (fol. 3) ghaliex jinghad li l-hlas tal-kontijiet relattivi mid-data tat-30 ta’ Mejju 2002 il-quddiem, waqt li tkun qeghda ghaddejja l-kirja jkun a karigu tal-inkwilin, u allura l-appellant, u la darba dan huwa l-kaz, l-obbligu tal-hlas tal-istess huwa esegwibbli mid-data tal-konsum u kont tal-istess, u kien minn dak in-nhar li l-appellant setgha jaghmel l-azzjoni kontra l-appellat (**“Mario Lapira vs C & A Company Limited”** – A.I.C. – (PS) – 2 ta’ Gunju 2003) mhux mid-data meta l-appellat hallas huwa l-istess kont ghaliex kien kostrett jaghmel dan anke wara proceduri gudizzjarji. Ghalhekk f’dan il-kaz allura ma kien hemm xejn x’izomm lill-appellant milli jagixxi kontra l-appellat fi zmien meta hargu l-kontijiet. (**“Ratan Mohnani et vs Jacqueline Galea”** (P.A. (JRM) – 21 ta’ April 2009).

Illi dwar it-tieni eccezzjoni jirrizulta li l-kontijiet huma datati sa 22 ta’ Mejju 2002 sal-1 ta’ Awwissu 2004 (Dok. “AC 2” – fol. 31) u la darba jirrizulta nkontestat li saret ittra ufficjali datata 6 ta’ Frar 2009, mela allura l-preskrizzjoni ta’ hames snin skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16** tapplika ghall-kontijiet datati 22 ta’ Mejju 2002 sa 23 ta’ Settembru 2003, u mhux ghall-kontijiet li hargu fl-1 ta’ April 2004 (fl-ammont ta’ €2,339.48) u dak datat 11 ta’ Awissu 2004 (fl-ammont ta’ €1,421.56) u ammonti ohra sad-data mitluba fl-avviz attrici citata bhala l-1 ta’ Awissu 2005 u allura l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni qed tigi milqugha biss ghall-ammont ta’ €804.40 li jidher li huwa l-ammont li kien dovut sat-23 ta’ Settembru 2003 ghaliex minn dik id-data ghal dik tal-ittra ufficjali msemmija lahqu ghaddew iktar minn hames snin.

Illi naturalment l-istess eccezzjoni ma’ tapplikax ghall-ammont ta’ €318.96 ndikati bhala spejjez gudizzjarji u dan ghas-semplici raguni li l-**artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16** ma japplikax ghall dan l-ammont. Dan kollu ma giex ikkunsidrat fis-sentenza appellata u ghalhekk it-tieni aggravju qed jigi milqugh b’dan allura li mill-ammont mitlub fl-avviz attrici huwa biss l-ammont ta’ €804.40 li huwa preskritt skond l-imsemmi artikolu.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appellat biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, izda **tilqa’ l-appell interpost mill-appellanti Alexander Borg Caruana et datat 28 ta’ Frar 2011 biss in kwantu konsistenti ma’ dak hawn deciz, b’dan li tirrevoka s-sentenza appellata tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet “Alexander Borg Caruana et vs Donald Borg” datata 19 ta’ Jannar 2011 (Avviz Numru 117/2009/SM) ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, b’dan li tichad l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni kif sollevata mill-appellat fir-risposta tieghu datata 26 ta’ Gunju 2009 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghaliex kif proposta mhux sostenibbli, u minflok tilqa’ l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata fl-appell mill-istess appellat**

**abbazi tal-artikolu 2167 (f) tal-Kap. 16 limitatament ghas-somma ta' €804.40 ghaliex tali somma hija preskritta kif hawn deciz, izda tirritjeni li l-ammonti l-ohra mitluba fl-Avviz promotur ma humiex preskritti, u ghalhekk tirrimetti l-atti tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex l-istess kawza tigi trattata u deciza fil-mertu fid-dawl ta' dak hawn deciz u wara li jigu kkonsidrati l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati skont il-ligi.**

**Illi *stante* li l-eccezzjoni hawn milqugha limitatament ta' preskrizzjoni a bazi tal-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 giet sollevata biss f'dan l-istadju tal-appell, l-ispejjez taz-zewg istanzi u ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellat Donald Borg.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------